# Animazzjoni tal-Quddies tal-Hadd

L-XXIV Hadd Matul is-Sena

Sena B

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-erbgħa u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Hadd tistedinna sabiex inkomplu nsaħħu l-fidi tagħna fl-għemil. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 50, 5-9a)
Min għandu lil Alla miegħu jgħix fis-sliem.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 114)
Jien nimxi quddiem il-Mulej f'art il-ħajjin.

**It-Tieni Qari** (Ġak 2, 14-18)
San Ġakbu jgħidilna li l-fidi mingħajr l-għemil hi fidi mejta.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 8, 27-35)
Ġesu jħabbar lid-dixxipli tiegħu li Bin il-bniedem għad irid ibati ħafna.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Ejjew f'dan il-mument noffru lil Alla dak kollu li nħossu, dak kollu li ngħaddu minnu, u dak kollu li nagħmlu f'ħajjitna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-Ewkaristija tgħinna ngħixu flimkien bħala komunita ta' Nsara għax twaħħadna ma' Alla.
Nersqu għat-tqarbin fi spirtu ta' talb u ta' ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.